**PARROCCA SANTA MARGERITA—SANNAT**
**Tel./Fax : 2155 1435. Email: sannatparish@keyworld.net**
**Website : www.sannatparish.com**

**IL-ĦADD: 20.11.11: SOLENNITA' TA' KRISTU SULTAN TAL-ĦOLQIEN KOLLU.**

**JUM IL-KARITA'**

**Fid-9.00a.m.** Quddiesa Pontifikal fil-Katidral li fiha jingħata l-Mandat lill-Ministri Straordinarji tat-Tqarbin.

Fil-għaxija ssir il-**MANIFESTAZZJONI ta' KRISTU RE**, li din is-sena se ssir ħdejn il-Knisja tar-Ragħaj it-Tajjeb (taċ-Cawla). Tibda fil-**4.00p.m**.

It-Tfal li din is-sena se jirċievu s-Sagrament tal-Griżma flimkien mal-ġenituri tagħhom huma mitluba li jkunu preżenti għal din il-funzjoni fejn se jkollhom post speċjali għalihom.

Il-ġbir li jsir llum ikun għall-Karita'.

Illum hija l-aħħar ġurnata biex wieħed jitfa' l-envelope tal-offerta għall-Karita fil-Kaxxi tal-knisja.

**NOTA IMPORTANTI**:

Billi llum se nieħdu sehem fil-manifestazzjoni Djoċesana ta' Kristu Sultan, ***fil-għaxija mhux se jkun hawn quddies.***

**IT-TNEJN, 21.11.11:** Tifkira tal-Preżentazzjoni tal-Verġni Mqaddsa Marija

**IT-TLIETA, 22.11.11: LAQGĦA GĦALL-IRĠIEL**

**Fis-6.30p.m.** Se ssir laqgħa oħra ta' Talb għall-Irġiel kollha.

Din tkun fil-knisja u nistiednu lill-Irġiel kollha biex jiġu jieħdu sehem magħna.

**Fis-6.30p.m.** issir l-laqgħa tal-Grupp tal-Kelma ta' Alla. Din tkun fid-dar parrokkjali.

**IS-SIBT, 26.11.11.:** Illum jaħbat is-Sitt anniversarju mill-ħatra tal-E. T. Mons. Mario Grech bħala Isqof ta' Għawdex. Niftakru fih fit-talb tagħna.

**Fis-6.15p.m.** se ssir l-Adorazzjoni għall-Persuni Kkonsagrati li dan ix-xahar se tkun fil-parroċċa tal-Munxar.

**IL-ĦADD, 27.11.11: L-EWWEL ĦADD TAL-AVVEDNT.**

TIBDA IS-SENA LITURġIKA TAL-KNISJA.

**Fil-11.15a.m.** Ikollna laqgħa oħra ta' formazzjoni fil-kors ta' tħejjija għaż-żwieġ, għall-għarajjes.

Din il-laqgħa tkun fid-Dar Parrokkjali

**KTEJJE B B'TALB TA' RINGRAZZJAMENT**

Mal-bidu tas-Sena Liturġika (l-Avvent) se jkollna fil-bankijiet tal-knisja ktejjeb b'talb differenti ta' ringrazzjament li l-parroċċa ħejjiet għal wara t-tqarbin. Dan it-talb jista' jingħad flimkien mas-saċerdot u anke wieħed jista jgħidu personalment.

Agħmel użu minn dan il-librett u erġa ħallieh fil-bank tal-knisja għall-użu tal-komunita'. Grazzi.

## IL-ĠABRA TAR-RESTAWR

Il-ġabra li ssir fil-knisja kull tieni Ħadd tax-xahar, qed tkun għar-restawr. Dan ifisser għat-tiswijiet u bżonnijiet oħra li jkun hemm fil-postijiet tal-knisja. Dawn l-ispejjes dejjem sejrin għax sikwit ikun hemm xi ħsara 'l hawn u 'l hemm.

Biżżejjed tkunu tafu li f'dawn l-aħħar ġranet dorna ftit sew il-bjut tal-knisja minħabba l-ilma. L-ispiża tal-materjal u tax-xaogħol intelgħet is-somma ta' **€2327.**

Din is-somma biss kwazi trid sentejn biex tinġabar fil-knisja. Għalhekk nagħmel appell biex meta issir din il-ġabra wieħed jgħin kemm jista bl-offerta tiegħu. Ma nistgħux ma nieħdux ħsieb l-affarijiet tal-knisja u nħallu l-ħsara tikber.

**HIGH TEA:** Il-High Tea li jmiss se jsir nhar it-Tlieta, 29 ta' Novembru fid-Dar Parrokkjali.